

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.4807 — PSA/IPH/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 236/05)

1. Fis-27 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża PSA Europe Pte Ltd, affiljata ta' PSA International Pte Ltd (flimkien "PSA", Singapor) li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata mill-Ministeru tal-Finanzi Singapor permezz ta' kumpanija *holding*, Temasek Holdings Pte Ltd ("Temasek", Singapor) u l-impriża IPH (Jersey) Limited, kumpanija ġdida, propjetà tal-fondi affiljati ta' Global Infrastructure Partners — A1, L.P., Global Infrastructure Partners — B, L.P. u Global Infrastructure Partners — C, L.P., (flimkien "GIP") li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata b'mod konġunt mill-General Electric Company ("GE", l-Istati Uniti), Credit Suisse Group ("CSG", l-Iżvizzera) u Global Infrastructure Management Participation LLC ("GIMP", l-Istati Uniti), jakkwistaw, fi ħdan l-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta ("JV", UK).

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

- PSA: is-sid u l-operatur ta' diversi portijiet ta' terminali tal-kontejners madwar id-dinja. Fl-Ewropa, l-interessi ta' PSA jinsabu fil-Belġju, l-Olanda, l-Italja u l-Portugall;
- Temasek: kumpanija ta' l-investiment Asjatika li tamministra portafoll diversifikat ta' negozji f'firxa ta' industrij, prinċipalment f'Singapor, fl-Asja u fl-ekonomiji ta' l-OECD u tinkludi investimenti f'kumpaniji tat-trasport u l-loġistika;
- GIP: fond privat ta' investiment li jispeċjalizza fl-infrastruttura u f'assi b'rabta ma' l-investiment.
- CSG: grupp servizzi finanzjarji globali li jipprovdi firxa ta' servizzi bankarji ta' investiment, servizzi bankarji privati u servizzi u prodotti ta' ġestjoni t'assi.
- GE: hija kumpanija globali diversifika ta' manifattura, teknoloġija u servizzi.
- GIMP: hija kumpanija ta' responsabbiltà limitata minn Delaware, li għadha kif inħolqot minn għadd ta' individwi, li jikkostitwixxu t-tim ta' ġestjoni tal-GIM, biex ikollhom ishma fil-GIM;
- JV: ser tiżviluppa u topera terminal tal-kontejners fi Great Yarmouth fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata l-Avviż.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4807 — PSA/IPH/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel
